



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.5.2017
COM(2017) 503 final

Rakkomandazzjoni għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 tar-Repubblika Ċeka
u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2017 tar-
Repubblika Ċeka**

Rakkomandazzjoni għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2017 tar-Repubblika Ċeka

u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2017 tar-Repubblika Ċeka

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tishiġ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea²,

Wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew³,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fis-16 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir⁴, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fid-9 u fl-10 ta' Marzu 2017. Fis-16 ta' Novembru 2016, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija⁵ li fih identifikat lir-Repubblika Ċeka bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond.
- (2) Ir-rapport tal-pajjiż tal-2017 għar-Repubblika Ċeka⁶ ġie ppubblikat fit-22 ta' Frar 2017. Dan ir-rapport jivvaluta l-progress tar-Repubblika Ċeka biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fit-12 ta' Lulju 2016, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet adottati fis-snin preċedenti u l-progress

¹ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

² COM(2017) 503 final.

³ P8_TA(2017)0038, P8_TA(2017)0039, u P8_TA(2017)0040.

⁴ COM(2016) 725 finali.

⁵ COM(2016) 728 finali.

⁶ SWD(2017) 69 finali.

tar-Repubblika Ċeka lejn il-miri Ewropa 2020 nazzjonali tagħha. L-analiżi tal-Kummissjoni twassalha biex tikkonkludi li r-Repubblika Ċeka mhux qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi.

- (3) Fil-25 ta' April 2017, ir-Repubblika Ċeka ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2017 u fit-28 ta' April 2017 ir-Repubblika Ċeka ppreżentat il-Programm ta' Konverġenza tagħha tal-2017. Biex jitqiesu l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess ħin.
- (4) Ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż tqiesu fil-programmi tal-Istati Membri għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (il-Fondi SEI) għall-perjodu 2014-2020. Kif previst fil-leiġizlazzjoni li tirregola l-Fondi SIE⁷, fejn dan ikun meħtieġ biex isostni l-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru jirrieżamina u jemenda l-programmi rilevanti tiegħu tal-Fondi SIE. Il-Kummissjoni pprovdiet aktar linji gwida dwar l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli⁸.
- (5) Ir-Repubblika Ċeka bħalissa tinsab fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-Programm ta' Konverġenza tagħha tal-2017, il-gvern qed jippjana surplus baġitarju f'termini nominali matul l-2016–2020. L-objettiv baġitarju fuq terminu medju — defiċit strutturali ta' 1,0 % tal-PDG — se jibqa' jiġi ssodisfat b'marġni matul il-perjodu kollu tal-programm. Skont il-Programm ta' Konverġenza, il-proporzjon tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika għall-PDG huwa mistenni jonqos gradwalment għal 32,7 % fl-2020. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawn il-projezzjonijiet baġitarji huwa plawsibbli. Filwaqt li r-riskji li l-miri baġitarji ma jintlaħqux huma bilanċjati sew, il-kontrazzjoni mħabbra fl-investiment pubbliku fl-2016 - marbuta mal-bidu ta' ċiklu għdid ta' fondi mill-UE - jista' jkollha riperkussjonijiet akbar mill-mistenni fuq l-investiment pubbliku fl-2017. Abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa tal-2017 tal-Kummissjoni, il-bilanċ strutturali huwa mbassar li se jinżel għal madwar 0 % tal-PDG fl-2017 u għal -0,2 % tal-PDG fl-2018 biex b'hekk jibqa' għola mill-objettiv baġitarju fuq terminu medju. Kumplessivament, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li fl-2017 u fl-2018 ir-Repubblika Ċeka hija pprojettata li tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.
- (6) Ir-Repubblika Ċeka qed tkompli turi riskji ta' livell medju għas-sostenibbiltà fiskali fuq perjodu ta' żmien twil. Dawn ġejjin l-iktar mill-impatt projettat tal-infiq pubbliku marbut mal-età, b'mod partikolari fl-oqsma tal-kura tas-saħħa u l-pensjonijiet. Iż-żieda projettata fl-infiq fit-tul fuq il-kura tas-saħħa hija kwistjoni ta' tħassib, kemm fir-rigward tal-governanza u tal-kosteffettività tas-sistema tal-kura tas-saħħa, li tiddependi ħafna fuq kura in-patient aktar għalja. Xi miżuri fil-preżent jinsabu fi stadji varji ta' implimentazzjoni, iżda r-riżultati għadhom mhumiex tanġibbli. Il-miżuri adottati jew ippjanati dan l-aħħar, biex jemendaw is-sistema tal-pensjonijiet jistgħu, jekk jiġu implimentati, iwasslu għal deterjorazzjoni tal-finanzi pubbliċi fuq perjodu twil ta' żmien. L-ewwel nett, il-Parlament adotta leiġizlazzjoni li tagħti lill-gvern is-setgħa li jaġġusta b'mod iktar flessibbli l-mekkaniżmu tal-indiċjar tal-

⁷ L-Artikolu 23 tar-Regolament (EU) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006, ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320.

⁸ COM(2014) 494 finali.

pensjonijiet. Il-Parlament qed jiddiskuti wkoll proposti biex l-età statutorja tal-irtirar tiġi limitata għal 65 u biex jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' rieżami regolari tal-età tal-pensjoni. Bidliet ulterjuri, bħal formula aktar ġeneruża tal-indiċjar tal-pensjonijiet u rati differenzjali tal-assigurazzjoni soċjali skont l-għadd ta' tfal qegħdin jiġu diskussi bħalissa wkoll.

- (7) Il-liġi dwar ir-responsabbiltà fiskali li ġiet adottata mill-Parlament f'Jannar 2017, għandha l-għan li tindirizza n-nuqqasijiet ewlenin tal-qafas fiskali Ċek, peress li dan l-aħħar ġie evalwat bħala wieħed mill-aktar dgħajfin fl-UE. Madankollu, għad irid jinħatar kunsill fiskali indipendenti għas-sorveljanza tal-implimentazzjoni tar-regoli. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tal-miżuri ġodda li ġew introdotti se tkun kruċjali biex il-qafas fiskali jsir aktar effikaċi u stabbli.
- (8) Ir-Repubblika Ċeka qed taffaċċja sfidi fir-rigward tal-prevenzjoni tal-korruzzjoni kif ukoll ineffiċjenzi fl-akkwist pubbliku. Filwaqt li għadd ta' miżuri fil-programm tal-gvern ta' kontra l-korruzzjoni ġew implimentati u riformi oħra għadhom pendenti, fil-prattika l-korruzzjoni ma tiġix mħarrka sistematikament. B'mod ġenerali, il-prattika Ċeka tal-akkwist pubbliku xorta għadha mhijiex kompetittiva biżżejjed u dan huwa rifless mill-għadd kbir ta' proċeduri ta' offerta unika u ta' kuntratti diretti, b'mod partikolari fis-settur tal-IT. Appoġġ inadegwat għat-taħriġ kif ukoll in-nuqqas ta' strutturi ta' xiri aggregat u ċentri ta' kompetenza jfixklu l-professionalizzazzjoni u jagħmlu aktar diffiċli biex jinkiseb valur tajjeb għall-flus fl-akkwisti pubbliċi. L-użu limitat ħafna tal-kwalità bħala kriterju tal-għoti huwa wkoll sintomatiku f'dan ir-rigward. It-tranżizzjoni lejn l-akkwist elettroniku għadha qed tiffaċċja sfidi kbar. Dawn jinkludu l-ħtieġa li l-pjattaforma tal-istat tal-akkwist-e tal-Istat, l-Għodda Nazzjonali Elettronika, titjib u huwa meħtieġ ukoll li jiġi ċċarat il-qafas legali għall-provvista ta' servizzi minn fornituri privati li diġà huma attivi fis-suq Ċek tal-akkwist elettroniku.
- (9) L-ambjent kummerċjali fir-Repubblika Ċeka huwa mtaqqal b'piż regolatorju tqil u b'diversi ostakli amministrattivi, speċjalment il-proċeduri tal-permessi u tal-ħlas tat-taxxi. F'Settembru 2016, il-gvern ippreżenta emenda fl-Att tal-Konstruzzjoni u fil-leġislazzjoni relatata, bl-għan li jħaffef u jissimplifika l-proċedura għall-għoti tal-permessi għall-bini billi jintegra fiha l-valutazzjoni tal-impatt ambjentali. L-emenda tinsab bħalissa taħt l-iskrutinju parlamentari. L-ispejjeż tal-konformità mat-taxxa għan-negozji għadhom oġġha mill-medja tal-UE. In-nuqqasijiet jinkludu wkoll l-emendi frekwenti fil-kodiċi tat-taxxa. L-indirizzar tan-nonkonformità mat-taxxa jibqa' prijorità għall-awtoritajiet Ċeki; madankollu ma hemmx fokus qawwi fuq is-simplifikazzjoni. Trid tiġi ppreżentata liġi tat-taxxa fuq l-introjtu li għandha l-għan li tissimplifika l-kodiċi tat-taxxa, iżda abbozz għadu mhux disponibbli.
- (10) L-użu tas-servizzi ta' gvern elettroniku fir-Repubblika Ċeka huwa fost l-aktar baxxi fl-UE, iżda żdied mill-2015. L-awtoritajiet Ċeki ħadu passi biex tittejjeb id-disponibbiltà tas-servizzi tal-gvern elettroniku iżda ħafna minnhom għadhom għaddejjin u xi miżuri individwali għadhom ma tnedewx. Ir-responsabbiltà għall-introduzzjoni tas-servizzi hija mifruxa fuq bosta ministeri u l-partijiet konċernati jħossu li l-kooperazzjoni transsettorjali hija limitata.
- (11) L-intensità tar-R&Ż żdiedet b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar snin, iżda dan mhux qed jiġi akkumpanjat minn titjib korrispondenti fil-kwalità tar-riżultati tar-R&Ż. Qed jiġu implimentati riformi fil-governanza tas-sistema tar-R&Ż, iżda dawn għadhom ma ġew implimentati b'mod sħiħ. Il-gvern approva metodoloġija ġdida ta' evalwazzjoni (Metodika 17+) f'Frar 2017, li għandha l-għan li ssaħħaħ il-

mekkaniżmi relatati mal-allokkazzjoni tal-iffinanzjar għar-riċerka bażika u applikata. Serje ta' miżuri li qed jittieħdu sabiex jiġu ffaċilitati rabtiet aktar sodi bejn id-dinja akkademika u n-negozju, qed tinbena fuq l-effett tal-istrutturar tal-pjattaformi Ċeki tal-innovazzjoni.

- (12) Ir-risultati fl-edukazzjoni huma ġeneralment tajba, iżda l-ħiliet bażiċi marru għall-aġar. Il-prestazzjoni hija influwenzata ħafna mill-isfond soċjoekonomiku tal-istudenti. Ir-risultati edukattivi baxxi ta' gruppi żvantaġġati, b'mod partikolari tal-komunità Rom, jirrappreżentaw preokkupazzjoni ċara. Huwa stmat li proporzjon kbir ħafna ta' tfal Rom jabbandunaw l-iskola kmieni. Ittieħdu għadd sinifikanti ta' miżuri leġiżlattivi u amministrattivi biex jippromwovu l-edukazzjoni inklussiva u issa bdew jiġu implimentati. Dawn huma mistennija jgħinu biex jitnaqqas id-distakk fil-kisba fl-edukazzjoni bejn it-tfal Rom u dawk mhux Rom. Il-Parlament adotta emendi fl-Att dwar l-Edukazzjoni f'Marzu 2016, li jestendu l-edukazzjoni obligatorja għall-aħħar sena tal-edukazzjoni preprimarja u li jiżguraw li t-tfal iżgħar ikunu intitolati għal post f'kindergarten. Madankollu, l-inugwaljanzi fis-sistema edukattiva jirrappreżentaw ostaklu għat-titjib tal-kwalità tal-kapital uman u jxekklu wkoll l-eżiti fis-suq tax-xogħol aktar tard fil-ħajja. Aktar rekwiżiti tal-għalliema u popolazzjoni tal-għalliema li qed tixjieħ ifissru li l-professjoni ta' għalliem mhijiex daqstant attraenti. Dan huwa inparti minħabba l-paga relattivament baxxa, għalkemm is-salarji żdiedu f'dawn l-aħħar snin. Is-sistema ġdida ta' karrieri għall-għalliema u għall-persunal pedagoġiku li żviluppat bil-ħsieb li tiżdied l-attrazzjoni tal-professjoni sa fl-aħħar ġiet approvata mill-gvern wara bosta posponimenti. Opportunitajiet ta' żvilupp professjonali kontinwu għall-għalliema qed jiġu żviluppati b'appoġġ sinifikanti fil-forma ta' fondi tal-UE, b'mod partikolari attivitajiet ta' żvilupp professjonali marbuta mat-tagħlim ta' gruppi mħalltin u mal-edukazzjoni inklussiva. Ir-riforma tal-edukazzjoni għolja ġiet adottata mill-Parlament f'Jannar 2016 u r-risultati tagħha jeħtieġ li jkunu mmonitorjati. Hija ppjanata wkoll riforma tas-sistema tal-finanzjament tal-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja.
- (13) Ir-rata tal-qgħad fir-Repubblika Ċeka qed tkompli tonqos. L-issikkar tal-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol qegħdin jagħmluha aktar diffiċli għal min iħaddem biex jirrekluta ħaddiema. Għad hemm xi potenzjal biex jiġu paċuti l-iskarsezzi billi jiġu mobilizzati gruppi sottorappreżentati, bħal nisa bi tfal żgħar, ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet u l-membri tal-komunità Rom. Aktar attività ta' lħiq u attivazzjoni tal-kapaċitajiet tas-servizzi tal-impjieg pubbliku, flimkien ma' politiki attivi tas-suq tax-xogħol tajbin u mmirati sew u servizzi individwalizzati, ikunu ta' għajjnuna biex tiżdied il-parteċipazzjoni ta' gruppi mhux sfruttati. Il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol tan-nisa bi tfal żgħar hi mxekkla minn nuqqas persistenti ta' servizzi ta' kura tat-tfal bi prezz raġjonevoli u ta' kwalità, b'mod partikolari għal tfal ta' taħt it-tliet snin, minn intitolamenti twal ta' liv tal-ġenituri, bl-użu limitat ta' arranġamenti tal-ħinijiet tax-xogħol flessibbli miż-żewġ ġenituri u b'livell baxx ta' użu ta' liv tal-ġenituri mill-missirijiet. F'dawn l-aħħar snin ittieħdu xi miżuri biex jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet. Madankollu, l-eżiti tas-suq tax-xogħol għall-ħaddiema b'ħiliet baxxi huma notevolment iktar dgħajfin milli għall-kumplement tal-gruppi l-oħra. Il-Parlament qiegħed bħalissa jiddiskuti l-qafas leġiżlattiv għall-akkomodazzjoni soċjali, li huwa mistenni jistipula l-istandards nazzjonali u l-gruppi fil-mira.
- (14) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tar-Repubblika Ċeka u ppubblikatha fir-rapport tal-pajjiż tal-2017. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Konverġenza u l-Programm Nazzjonali ta'

Riforma, u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lir-Repubblika Ċeka fi snin preċedenti. Hija mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fir-Repubblika Ċeka imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-UE, fid-dawl tal-hteġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-UE billi jingħata kontribut fil-livell tal-UE għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.

- (15) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza u huwa tal-opinjoni li r-Repubblika Ċeka mistennija li tkun konformi mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li r-Repubblika Ċeka tiegħu azzjoni fl-2017 u l-2018 biex:

1. Tiżgura s-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi, fid-dawl tal-popolazzjoni li qed tixjieħ. Iżżid l-effettività tal-infiq pubbliku, b'mod partikolari billi jiġu miġġielda l-korruzzjoni u prattiki ineffiċjenti fl-akkwist pubbliku.
2. Tneħħi l-ostakoli għat-tkabbir, b'mod partikolari billi tissimplifika l-proċeduri għall-għoti tal-permessi tal-bini u tnaqqas aktar il-piż amministrattiv fuq in-negozji billi tintroduċi servizzi ewlenin tal-gvern elettroniku, billi ttejjeb il-kwalità tar-R&Ż u billi trawwem ix-xogħol fost il-gruppi sottorappreżentati.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*